**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum il-Hamis, 24 ta' Gunju 2021**

Numru 1

**Rikors Nru. 205/2019**

**Amand Paul Veranneman**

**vs**

**L-Avukat tal-Istat u**
**b'digriet tal-25 ta' Frar 2020**
**gie kjamat fil-kawza l-Kummissarju tat-Taxxi**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti tat-18 ta' Ottubru 2019 li jghid hekk:

Illi permezz ta' ittra datata 23 ta' Mejju 2018 ir-rikorrenti gie ordnat ihallas l-ammont ta' sitta u tletin elf tmien mija u hmistax-il ewro u hmistax il-centezmu (€36,815.15) u dan ai termini tal-Artikolu 59 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi dan l-ammont mhux dovut stante li l-esponenti dejjem hallas dawk it-taxxi minnhu dovuti.

Illi l-esponenti qatt ma ircieva xi stima u/jew inghata xi opportunita sabiex jirribatti dak indikat fl-Ordni ta' Hlas sureferita.

Illi l-esponenti hassu aggravat mid-decizjoni tal-istess Kummissarju u ai termini tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta intavola umili appell quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva fl-ismijiet Amand Paul Veranneman vs Kummissarju tat-Taxxi ref:

5/2018/1 fejn hemmhekk wara li ippremetta illi l-Kummissarju tat-Taxxi kiser principji ta' gustizzja naturali u d-drittijiet fundamentali tal-esponenti billi naqas milli jaghti smigh xieraq meta ma osservax il-principji ta' gustizzja naturali, senjatament il-principju tal-audi alterem partem u dak tan-nemo iudex in causa propia u illi wasal ghal stima manifestament hazin talab lit-Tribunal sabiex:

1. Jiddikjara l-agir tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni fuq imsemmi bhala wiehed ultra vires u kontra d-dettami tal-principji ta' mgiba amministrattiva tajba u tal-principji ta' gustizzja naturali u tad-drittijiet fondamentali tal-esponenti;
2. Jiddikjara li l-Ordni tal-Hlas hekk kif ikkomunikata lill-esponenti mil-Kummissarju tat-Taxxi appellat permezz tal-ittra datata 23 ta' Mejju 2018 bhala nulla u minghajr effett legali; u
3. Konsegwentament ihassar u jirrevoka l-istess decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi sureferita.

Illi fil-mori tal-appell, mix-xhieda prodotti irrizulta illi l-Kummissarju tat-Taxxi kien qieghed japplika l-artikolu 67 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta minghajr ma avza lill-esponenti bil-konsegwenza illi l-pagamenti li kien qed jivversa l-esponenti kontra d-denunzji tat-taxxa kienu qeghdin jigu applikati kontra l-imghaxijiet u l-penali li kull ma jmur kienu qed jizdiedu minflokk kontra l-pagament tal-kapital. B'dan il-mod il-kont tat-Taxxa kontra l-esponenti minflokk ma gie ridott kif kien jigri li kieku l-pagamenti gew hekk applikati kontra l-kapital baqa' jizdied b'mod esponenzjali.

Illi l-Artikolu 67 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta jmur kontra l-principju tal-equality of arms kif ukoll johloq piz sproporzjonat fuq l-esponenti.

Illi l-agir tal-Kummissarju anke jekk legali ghaliex sar a tenur tal-ligi u konsegwentament anke l-istess ligi jilledi d-dritt fundamentali tal-esponenti kif sancit mill-Artikoli 6 kif ukoll mill-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali.

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara illi l-agir tal-Kummissarju tat-Taxxi in kwantu attribwixxa l-pagamenti rateali tat-taxxa dovuta ghall-hlas tal-imghaxijiet u penali li minn zmien ghal zmien kienu qed jakkumulaw fuq l-arretrati jammontaw ghall-ksur tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti kif sancit mill-Artikoli 6 kif ukoll mill-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali.
2. Konsegwentament tipprovdi rimedju.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali illum Avukat tal-Istat li tghid hekk:

1. Illi qabel xejn it-talbiet finali tar-rikorrent, kif migjuba fir-rikors konvenzjonali tieghu, ma jistghux jigu indirizzati kontra l-Avukat Generali minhabba li l-imsemmi Avukat Generali ma jwegibx ghall-ghemil tal-Kummissarju tat-Taxxi. Fis-sewwa, jekk ir-rikorrent ried jattakka l-agir tal-Kummissarju tat-Taxxi allura huwa messu ressaq l-ilment kontra l-imsemmi Kummissarju u mhux kontra l-Avukat Generali li ma ha l-ebda decizjoni;

2. Iil hemm minn dan, dwar il-mertu, jissokta billi jinghad li f'materja ta' obbligazzjonijiet fiskali ma jghoddux id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u ghalhekk l-esponent ma jistax iqanqal dan l-artikolu biex jattakka d-dispost tal-artikolu 67 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi bla hsara ghall-premess, sa fejn ir-rikorrent qieghed jghid fir-rikors tieghu li l-artikolu 67 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta jmur kontra l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghaliex jikser il-principju tal-ugwaljanza tal-armi, l-esponent sincerament jghid li dan l-ilment ma jinftehimx. Tassew l-esponent mhuwiex jifhem kif ir-regola tal-ligi, li trid li hlas ta' parti mid-dejn tat-taxxa ghandu l-ewwel jaqta' l-imghax u mbaghad wara jaqta' l-kapital, qieghda b'xi mod ittellef jew tizvantaggja lir-rikorrent fil-process gudizzjarju li hemm ghaddej quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva;

4. Illi minn kif jahsibha l-esponent, ir-regola fuq l-imputazzjoni tal-hlas bl-ebda mod mhi qieghda tippregudika jew iddghajjef it-talbiet tar-rikorrent kif imressqa quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva fil-proceduri 5/2018. Lil hemm minn kif il-Kummissarju tat-Taxxi ghazel li jalloka l-hlas, ir-rikorrent xorta ghad ghandu l-jedd li jikkontesta s-siwi tal-ordni tal-hlas mibghut mill-Kummissarju tat-Taxxi fit-23 ta' Mejju 2018, b'dana li jekk eventwalment jirrizulta li l-Kummissarju tat-Taxxi alloka l-hlas li rcieva biex jaqta' d-dejn hazin, allura r-rikorrent ikollu l-jedd li jitlob li l-hlas jigi imputat kontra d-dejn it-tajjeb;

5. Illi ta' min izid hawnhekk, li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi dwar il-garanziji procedurali li jridu jigu mharsa fi progessi gudizzjarji biex ikun jista' jinghad li smigh ikun tmexxa b'mod xieraq u gust. Fil-kaz taghna, l-artikolu 67 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta ma ghandu x'jaqsam xejn mal-mod ta' kif ghandu jinzamm process gudizzjarju. Fuq kollox, lanqas ma jidher li dan l-artikolu qieghed b'xi mod ixekkel milli jinzamm smigh xieraq. Jigi b'hekk, li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea huma inapplikabbli fil-konfront tal-artikolu 67 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi sa fejn l-ilment tar-rikorrent jolqot l-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, tajjeb li jinghad li kif insibu msemmi fil-proviso tieghu, dan l-artikolu ma ghandu b'ebda mod inaqqas d-dritt tal-istat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jizgura l-hlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni. Sewwasew f'dan il-kaz mhemmx dubbju li l-artikolu 67 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta johrog mil-ligi u li dan jigi impost fl-interess generali;

7. Illi minbarra dan, bhala regola generali ma hemm xejn hazin jew sproporzjonat li f'kaz li dejn fiskali ikun maghmul minn taxxa pura, imghax u multi amministrattivi, kull hlas li jsir akkont ta' dak id-dejn ghandu l-ewwel imur biex joqtol l-imghax u l-multi amministrattivi li jkunu ngemghu fuq it-taxxa pura u mbaghad jekk jifdal aktar flejjes, dawn ghandhom imorru biex jestingwu t-taxxa pura. Wara kollox din mhijiex xi regola li tinsab biss fil-ligi fiskali, imma hija regola generali li tinsab ukoll fl-artikolu 1169 tal-Kodici Civili;

8. Illi naturalment jekk wara li jinqatghu l-proceduri 5/2018 li hemm pendenti quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva jirrizulta li r-rikorrent ma ghandux dak id-dejn kollu li l-Kummissarju tat-Taxxi qed jippretendi illi ghandu u allura jirrizulta li l-imputazzjoni tal-hlas maghmul mill-Kummissarju tat-Taxxi sar b'mod hazin, ir-

rikorrent bir-ragun ikollu kull jedd li jitlob li l-hlas maghmul minnu jigi allokat kontra d-dejn korrett jew jekk ma kienx hemm dejn, li kull hlas maghmul minnu jigi mrodd lura lilu skont l-artikolu 1147 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Mill-banda 'l ohra pero, jekk ir-rikorrent jitlef ilkawża fil-proċeduri 5/201 8 u allura jirriżulta li 1-hlas kollu mitlub mill-Kummissarju tat-Taxxi kien misthoqq, ir-rikorrent ma jkollux ghalfejn jilmenta mill-mod ta' kif saret l-imputazzjoni ghaliex dak id-dejn kien dovut. Frankament, lanqas ma jkun jista' jitkellem dwar possediment ghaliex il-kwestjoni ma tkunx dwar flusu imma dwar flus li huma dovuti lill-Kummissarju tat-Taxxi;

9. Illi thares minn fejn thares ghalhekk I-ilment tar-rikorrent, kif imsejjes fuq l-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, mhuwiex tajjeb u ghalhekk ghandu jigi michud;

10. Illi dan ifisser li la ma hemmx ksur taz-zewg artikoli konvenzjonali msemmija mir-rikorrent, it-tieni talba tar-rikorrent ghandha taqa' wkoll;

Ghaldaqstant din I-Onorabbli Qorti hija umilment mitluba tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent u tiddikjara li huwa ma bata I-ebda ksur tal-jeddijiet konvenzjonali tieghu, bl-ispejjez jithallsu mill-istess rikorrenti.

Rat ir-risposta tal-kjamat Kummissarju tat-Taxxi li tghid hekk:

1. Illi qabel xejn il-Kummissarju jghid illi jaqbel perfettament ma' dak li qal l-Avukat Generali fit-Twegiba tieghu ghar-rikors konvenzjonali tar-rikorrenti Amand Paul Veranneman ghal dak illi jirrigwarda l-pozizzjoni legali kif esposta mill-Avukat Generali u kemm hu possibbli mhux ser jirrepeti dak li nghad mill-konvenut Avukat Generali u l-espozizzjonijiet tal-Avukat Generali jaghmilhom tieghu. Ser jaghmel accenn aktar fuq il-fatti u d-dettalji tal-kaz milli l-aspett legali gia espost;

2. Illi l-esponenti Kummissarju ma jistax jifhem kif ir-rikorrenti zeffen fin-nofs id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea fil-kwistjoni in dizamina stante illi f'materja bhal din in ezami indubbjament mhumiex applikabbli;

3. Illi jibda biex jinghad illi r-rikorrenti Amand Paul Veranneman jiggesttixxi attivita ekonomika bin-numru tar-registrazzjoni MT 1266-8123. Hu kien ircieva dikjarazzjoni minghand l-esponenti sabiex ihallas is-somma kumplessiva ta sitta u tletin elf, tmien mija u hmistax-il ewro u hmistax-il centezmu (€36,815.15). Dan l-ammont ikopri 17-il perjodu ta' taxxa tar-rikorrenti bejn l-1 ta' Gunju 2010 u l-1 ta' Gunju 2016;

4. Illi inoltre din is-somma tikkonsisti f'taxxa ddikajarata mill-istess Amand Paul Veranneman, fid-denunzji tat-taxxa tieghu, sottomessi minnu lill-konvenut Kummissarju. Illi din it-taxxa ddikjarata mir-rikorrenti, sal-gurnata ta' llum ghadha ma thallsitx. Dan minkejja li r-rikorrenti kien qieghed jigbor l-imsemmija taxxa minghand il-klijenti tieghu. Zgur huwa illi t-taxxa migbura ma nghaddietx lill-Kummissarju esponenti. Dan juri b'mod car illi r-rikorrenti ma ottemporax ruhu mad-dettami tal-Artikolu 27(1) u (4). Illi s-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jobbliga lil kull persuna registrata taht l-artikolu 10 taghmel denunzja lill-Kumissarju ghal kull zmien ta' taxxa mhux aktar tard mill-hmistax-il jum tat-tieni xahar li jigi wara x-xahar li matulu jintemm iz-zmien ta' taxxa relattiv. Illi s-subparagrafu (4) ta' dan l-artikolu testwalment jghid:

Ma titqiesx li tkun saret denunzja kemm-il darba din ma tkunx shiha u dettaljata f'kull aspett materjali taghha u jekk u sakemm it-taxxa li tirrizulta li ghandha tithallas skont id-dikjarazzjonijiet fiha maghmula tkun thallset lill-Kummissarju: izda meta jsir hlas lill-Kummissarju f'cirkostanzi li juri li dik il-persuna kellha l-hsieb li dak il-hlas jirrelata ghal dak iz-zmien ta' taxxa, dak il-hlas ghandu jitqies li jirrelata ghal dak iz-zmien ta' taxxa ghall-ghanijiet ta' dan is-subartikolu bla hsara ghas-setgha tal-Kummissarju skont kull dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att li jqassam dak il-hlas b'xi mod iehor.
Ghaldaqstant, fil-kaz in dizamina skattaw il-penali amministrattivi u l-interessi ope legis;

5. Illi jinghad ab inizio, illi l-Kummissarju tat-Taxxi biss ghandu l-awtorita u hu vestit bil-ligi sabiex jamministra d-disposizzjonijiet tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skont il-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk huwa ghandu l-obbligu li jigbor it-Taxxa dovuta lill-erarju pubbliku (kif ukoll interessi u penali amministrattiva talli dina t-Taxxa ma tkunx thallset). Il-fatt illi l-esponenti jezercita tali fakulta vestita fih mill- u fil-parametri tal-ligi, certament illi b'daqshekk ma jkunx qieghed jikser l-ebda drittijiet fundamentali tal-bniedem. Jinghad bir-rispett illi tali e2erCizzju minnu tal-poteri vestiti fih ex lege ma jipprekludi lil hadd milli jfittex rimedji legali sanciti mill-istess Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi l-Kummissarju tat-Taxxi umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tichad l-aggravji in toto u dana peress li huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

7. Illi l-Kummissarju tat-Taxxi fil-kaz in dizamina ma kiser l-ebda dritt jew xi jedd tar-rikorrenti kif dan qieghed jallega. Dan peress illi l-Kummissarju dak li ghamel kien biss illi ried jigbor taxxa li hija dovuta skont id-denunzji tat-taxxa ddikkjarati mir-rikorrenti Amand Paul Veranneman u mibghuta minnu fid-denunzji rispettivi;

8. Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa bbazat fuq l-allegazzojni li l-Kummissarju tat-Taxxi hareg talba ghall-hlas minghajr ma informa lill-appellant bi stima. U illi b'hekk allegatamnt gie li kiser il-principji ta' gustizzja naturali u d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti billi naqas milli jaghtih smigh xieraq sinjatament id-dritt tal-audi et alteram partem u dak tan-nemo iudex in causa propria u illi wasal ghal stima manifestament hazina";

9. Ir-rikorrenti allega illi ma nghatax ic-cans li jressaq il-provi tieghu. Dan l-aggravju huwa infondat fil-fatt u fid-dritt peress illi fil-kaz de quo ma saret l-ebda stima li nharget fil-konfront tar-rikorrenti. Illi kieku saret stima, kif allega r-rikorrenti, il-process kien ikun ferm differenti minn kif attwalment sehh. Fil-kaz ta' stima, l-ewwel kienet issir talba biex jigu pprezentati d-dokumenti u wara issir investigazzjoni fuq dawk id-dokumenti. Jekk jirrizulta li kien hemm xi nuqqas ta' dikjarazzjoni jew dikjarazzjoni zejda tat-taxxa, kienet tinhareg stima provizorja segwita bi stima u bid-drittijiet kollha tar-rikorrenti salwagwardati mill-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi jigi ribadit illi f'dan il-kaz ma sehh xejn minn dan. Il-Kummissarju tat-Taxxi qieghed biss jigbor flus illi gew iddikjarati mill-appellant bhala dovuti fid-denunzji rispettivi tieghu. Dawn il-flus ghadhom pendenti sallum;

10. Illi fl-aggravju tieghu r-rikorrenti ilmenta li l-Kummissarju tat-Taxxi allegatament kiser fil-konfront tieghu l-principju ta' nemo iudex in causa propria. Illi dan l-allegat ksur sehh ghaliex skont hu, il-Kummissarju allegatament iddecida l-ammont tat-taxxa

dovuta lilu nnifsu. Dan l-aggravju jigi ripetut illi huwa infondat kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dana peress illi l-Kummissarju kif gia nghad fil-kaz de quo ma hareg l-ebda stima imma mexa biss fuq dak iddikkjarat mill-istess rikorrenti. L-esponenti Kummissarju jemmen illi r-rikorrenti jottempora ruhu u jhallas dak minnu dovut;

11. Illi anke li kieku il-Kummissarju hareg stima, tali principju ta' smigh xieraq ma giex mittiefes u dana peress illi huwa ghandu s-setgha mil-ligi illi jaghmel hekk ghaliex dmir fundamentali tieghu hu li jhares l-erarju pubbliku. L-operat tal-Kummissarju kien tali kif santit mill-istess ligi u ghalhekk huwa mexa u hares id-detami tal-Kap. 406. Tali agir ma ghandux jigi interpretatat kif qieghed jipprova jallega l-appellant li l-Kummissarju kiser il-principju legali nemo iudex in causa propria. Ghallmuna pero illi: qui suo jure utitur non videtur facere injuriam;

12. Illi fir-rikors konvenzjonali tieghu ir-rikorrenti allega illi 1-artikolu 67 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta jilledilu l-principju tal-equality of arms kif ukoll johloq piz sproporzjonali fuqu. Illi jinghad bir-rispett dovut illi l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea li jipprovdi dwar it-tharis ta' garanziji procedurali fi processi gudizzjarji dwar is-smigh tar-rikorrenti illi jkun tmexxa b'mod gust ma ghandu x'jaqsam xejn mal-kaz in dizamina. Isegwi illi kemm dan l-artikolu kif ukoll l-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ma japplikawx ghall-kaz in dizamina;

13. Illi dan l-artikolu ma jnaqqas xejn mid-dritt tal-lstat illi jaghmel dawk il-ligijiet li jemmen li huma mehtiega biex jizgura l-hlas tat-taxxi, etc. jew pieni li effettivament jithallsu. Illi l-artikolu 67 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta jigi impost fl-interess generali. Illi dan l-artikolu testwalment jghid:
67.(1) Meta jkun dovut xi imghax minn persuna fuq xi taxxa, hlief taxxa li tista' tinzamm rizervata skont id-dispozizzjonijiet tad-Disa' Skeda li tinsab ma' dan l-Att, kull hlas li dik il-persuna taghmel lill-Kummissarju ghandu jitqassam, minkejja kull dikjarazzjoni ta' dik il-persuna, fuq dak l-imghax qabel ma jitqassam fuq xi taxxa.
(2) Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet tas-subartikolu (1) meta tkun dovuta xi penali amministrattiva minn persuna, hlief ghall-penali li tista' tinzamm rizervata skont id-dispozizzjonijiet tad-Disa' Skeda li tinsab ma' dan l-Att, kull hlas li jsir minn dik il-persuna lill-Kummissarju ghandu jitqassam, minkejja kull dikjarazzjoni ta' dik il-persuna ghall-kuntrarju, fuq dik il-penali amministrattiva qabel ma jitqassam fuq xi taxxa ohra.
(3) Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet l-ohra ta' dan l-artikolu, hlief taxxa li tista' tinzamm rizervata skont id-dispozizzjonijiet tad-Disa' Skeda li tinsab ma' dan l-Att, tkun dovuta ghal iktar minn darba kull hlas li jsir minn dik il-persuna lill-Kummissarju ghandu jitqassam, minkejja kull dikjarazzjoni ta' dik il-persuna ghall-kuntrarju, fuq dik it-taxxa li tkun dovuta l-ewwel qabel ma jitqassam fuq it-taxxa li tkun saret dovuta wara.

14. Illi l-esponenti ma jistax jifhem kif bl-applikazjoni ta' dan l-artikolu jista' b'xi mod jinkiser il-principju tal-equality of arms mill-esponenti a detriment tarrikorrenti. Illi billi l-ligi tesigi li hlas ta' parti mid-dejn ta' taxxa dovuta l-ewwel jaqta' l-imghax u mbaghad wara taqta' l-kapital dan jista' b'xi mod jizvantaggja lir-rikrrenti fil-process gudizzjarju pendenti quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva;

15. Illi l-esponenti ma jistax jifhem kif ir-rikorrenti qieghed jitkellem dwar possedimenti peress illi in verita l-crux tal-kwistjoni tat-tqassim tat-taxxa ope legis ma

jittrattax dwar flus tar-rikorrenti izda dwar flus li in realta huma dovuti lill-erarju pubbliku!

16. Illi in ultima analisi jigi ribadit illi l-aggravju tar-rikorrenti kif imsejjes fuq l-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea huwa bla bazi legali u ghandu jigi michud;

17. Illi logikament u legalment isegwi mis-suespost illi t-tieni talba tar-rikorrenti ghandha ukoll tigi michuda;

Ghaldaqstant din l-Onorabbli Qorti hija umilment mitluba tichad in toto it-talbiet kollha tar-rikorrenti u joghgobha tiddikjara li huwa ma bata minn ebda ksur tal-jeddijiet konvenzjonali tieghu.

Bl-ispejjez jithallsu mill-istess rikorrenti.

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet prezentati;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hija sentenza wara ilment intavolat mill-attur illi l-applikazzjoni tal-artikolu 67 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta hija leziva tad-drittijiet fondamentali tieghu sanciti permezz tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. L-attur kien gie ordnat ihallas l-ammont ta' €36,815.15 permezz ta' ittra datata 23 ta' Mejju 2018 mibghuta ai termini tal-artikolu 59 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta. Huwa kien ikkontesta din id-decizjoni permezz ta' kawza quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva, liema kawza tinsab pendenti. L-attur jippremetti illi fil-mori ta' dan l-appell il-Kummissarju konvenut beda japplika l-artikolu 67 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta u jattribwixxi pagamenti maghmula minnu kontra l-imghaxijiet u penali minflok kontra l-kapital, u dan minghajr ma huwa gie avzat. Skont l-attur l-imsemmi l-agir imur kontra l-principju tal-ugwaljanza tal-armi u wkoll johloq piz sproporzjonat fuqu.

Is-sub-artikoli specifici li dwarhom jilmenta l-attur jidhru li huma s-sub-artikolu (3) u (4), li jipprovdu kif gej:

> "(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2),meta jkun dovut xi mgħax minn persuna fuq xi taxxa, ħlief taxxa li tista' tinżamm riżervata skont id-dispożizzjonijiet tad-Disa' Skedali tinsab ma' dan l-Att, kull ħlas li dik

il-persuna tagħmel lill-Kummissarju għandu jitqassam, minkejja kull dikjarazzjoni ta' dik il-persuna għall-kuntrarju, fuq dak l-imgħax qabel ma jitqassam fuq xi taxxa.
(4) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1), (2) u (3), meta tkun dovuta xi penali amministrattiva minn persuna, ħlief għall-penali li tista' tinżamm riżervata skont id-dispożizzjonijiet tad-Disa' Skeda li tinsab ma' dan l-Att, kull ħlas li jsir minn dik il-persuna lill-Kummissarju għandu jitqassam, minkejja kull dikjarazzjoni ta' dik il-persuna għall-kuntrarju, fuq dik il-penali amministrattiva qabel ma jitqassam fuq xi taxxa oħra.

**Il-legittimu kontradittur f'din l-azzjoni**

L-Avukat tal-Istat ecepixxa illi t-talbiet tal-attur ma jistghux jigu indirizzati kontra tieghu ghaliex huwa ma jwegibx ghall-eghmil tal-Kummissarju tat-Taxxa.

Il-Qorti tqis illi din l-eccezzjoni ghandha mis-sewwa. L-attur ilmenta fil-premessi tieghu illi l-artikolu 67 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta huwa leziv tad-drittijiet fondamentali tieghu. L-entita statali li tirrispondi ghal dan l-ilment huwa l-Avukat tal-Istat, stante illi huwa l-Avukat tal-Istat illi jirrispondi ghall-ilmenti dwar il-validita kostituzzjonali u/jew konvenzjonali tal-ligijiet ta' Malta. Pero, l-attur ma ressaq l-ebda talba ibbazata fuq din il-premessa. It-talbiet tal-attur huma indirizzati b'mod specifiku lejn l-eghmil tal-Kummissarju tat-Taxxi u mhux lejn il-validita tal-artikolu tal-ligi li dwaru ilmenta fil-premessi tieghu. Filfatt, it-talba tal-attur taqra hekk:

> "Tiddikjara illi l-agir tal-Kummissarju tat-Taxxi in kwantu attribwixxa l-pagamenti rateali tat-taxxa dovuta ghall-hlas tal-imghaxijiet u penali li minn zmien ghal zmien kienu qed jakkumulaw fuq l-arretrati jammontaw ghall-ksur tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti kif sancit mil-Artikolu 6 kif ukoll mil-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali."

Ikkonsidrat illi din it-talba hija mmirata espressament u b'mod specifiku lejn l-agir tal-Kummissarju tat-Taxxa, huwa car illi l-Avukat tal-Istat ma jistax iwiegeb ghaliha. Il-Qorti tosserva illi minkejja illi l-eccezzjoni tal-Avukat tal-Istat inghatat sa mill-bidu nett tal-proceduri, l-attur qatt ma talab li jigi awtorizzat izid mat-talbiet tieghu talba illi torbot mal-premessa tieghu dwar il-validita konvenzjonali tal-artikolu 67 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk ma hemm l-ebda domanda attrici li ghaliha legalment iwiegeb l-Avukat tal-Istat.

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni qed tigi milqugha u l-Avukat tal-Istat qieghed jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

**L-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea**

L-attur jilmenta illi l-Kummissarju konvenut kasbar id-dritt fondamentali tieghu kif sancit mill-artikolu 6, u senjatament l-ugwaljanza tal-armi, meta attribwixxa pagamenti maghmula minnu kontra l-imghax u l-penali minflok kontra l-kapital minghajr ma avzah.

Dan l-ilment huwa *ictu oculi* infondat. L-ewwel nett, l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea m'huwiex applikabbli fir-rigward ta' proceduri civili li jitrattaw materja ta' taxxa, u dan ghaliex kwistjonijiet dwar taxxa ma jitqisux bhala "drittijiet jew obbligi civili" ai termini tal-istess Konvenzjoni. Kif gie spjegat fis-sentenza fl-ismijiet **Ferrazzini v. Italy** (QEDB, 12/07/2001):

> "In the tax field, developments which might have occurred in democratic societies do not, however, affect the fundamental nature of the obligation on individuals or companies to pay tax. In comparison with the position when the Convention was adopted, those developments have not entailed a further intervention by the State into the "civil" sphere of the individual's life. The Court considers that tax matters still form part of the hard core of public-authority prerogatives, with the public nature of the relationship between the taxpayer and the community remaining predominant. Bearing in mind that the Convention and its Protocols must be interpreted as a whole, the Court also observes that Article 1 of Protocol No. 1, which concerns the protection of property, reserves the right of States to enact such laws as they deem necessary for the purpose of securing the payment of taxes (see, *mutatis mutandis*, *Gasus Dosier- und Fördertechnik GmbH v. the Netherlands*, judgment of 23 February 1995, Series A no. 306-B, pp. 48-49, § 60). Although the Court does not attach decisive importance to that factor, it does take it into account. It considers that tax disputes fall outside the scope of civil rights and obligations, despite the pecuniary effects which they necessarily produce for the taxpayer."

Ghalkemm hemm eccezzjonijiet ghal din ir-regola generali,[1] dan il-kaz ma jaqax entro l-ebda wahda minn dawn l-eccezzjonijiet. Ghalhekk l-artikolu 6 m'huwiex applikabbli ghal kaz in kwistjoni.

[1] Ara per ezempju: **Editions Persicope v. France** (QEDB, 26/03/1992); **National & Provincial Building Society, Leeds Permanent Building Society and Yorkshire Building Society v. the United Kingdom** (QEDB, 23/10/1997 ); **Filippello v. Italy** (QEDB, 04/07/1995).

Inoltre, l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni japplika biss fil-kuntest ta' proceduri ta' natura gudizzjarja quddiem tribunal. Huwa minnu illi t-terminu "tribunal" ghandu interpretazzjoni awtonoma, u ghandu jigi interpretat fil-dawl tal-Konvenzjoni, izda l-Kummissarju konvenut zgur li ma jikkwalifikax bhala "tribunal" fir-rigward tal-ilment imressaq mill-attur. Skont il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea, "a court or tribunal is characterised in the substantive sense of the term by its judicial function, that is to say determining matters within its competence on the basis of rules of law and after proceedings conducted in a prescribed manner" [**Cyprus v. Turkey** (QEDB, 10/05/2001). Barra minn hekk, jinsab ritenut illi "…*a power of decision is inherent in the very notion of "tribunal" within the meaning of the Convention*" u l-entita in kwistjoni ghandu jkollha l-poter li taghmel "*determination…of the matters in dispute*" [**Benthem v. The Netherlands** (QEDB, 23/10/1985)].

F'dan il-kaz ma jirrizultax illi l-Kummissarju konvenut jissodisfa dawn il-kriterji. Ma jirrizultax illi kien hemm "dispute" li dwaru il-Kummissarju ha decizjoni wara li segwa procedura stabbilita mill-ligi. Fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, il-Kummissarju konvenut sempliciment applika regola dwar l-imputazzjoni ta' hlasijiet maghmula mid-debitur li tinsab stabbilita fil-ligi. Din ir-regola ma tipprovdi ghall-ebda eccezzjoni jew possibilita ohra dwar kif ghandha ssir l-imputazzjoni ta' hlasijiet maghmula, u ghalhekk la seta' jkun hemm "dispute" fuq l-applikabilita taghha ai termini tal-Konvenzjoni Ewropea, u lanqas jista' jinghad illi l-Kummissarju ha decizjoni ai termini tal-istess Konvenzjoni. Ghalhekk, galadarba l-Kummissarju konvenut ma jistax jigi meqjus bhala tribunal fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea citat mill-attur m'huwiex applikabbli.

Ghaldaqstant l-ilment tal-attur ai termini tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea huwa infondat u qed jigi michud.

**L-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea**

Ghalkemm l-attur ma specifikax fuq liema mill-artikoli tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea qieghed jibbaza l-ilment tieghu, il-Qorti tipprezumi illi l-ilment tieghu huwa ibbazat fuq l-artikolu 1, ikkonsidrat illi l-ebda wiehed mill-bqija tal-artikoli ta' dan il-protokoll ma huwa relevanti ghall-fattispeci tal-kaz in kwistjoni. Jidher illi l-

attur m'huwiex qieghed jikkontesta il-legalita jew l-ghan legittimu tal-mizura in kwistjoni, izda qieghed jilmenta biss illi ma nzammx il-bilanc xieraq rikjest skont l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

Skont il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea, l-Istat ghandu margini ta' diskrezzjoni ferm wiesgha fejn si tratta ta' ligijiet ta' taxxa procedurali, ossia ligijiet li jirrregolaw il-formalitajiet tat-taxxa, inkluz l-enforzar taghhom ghall-pagament tat-taxxi. Fis-sentenza fl-ismijiet **Gasus Dosier- und Fördertechnik GmbH v. the Netherlands** (QEDB, 23/02/1995) gie spjegat f'dan ir-rigward illi:

> "…the legislature must be allowed a wide margin of appreciation, especially with regard to the question whether - and if so, to what extent - the tax authorities should be put in a better position to enforce tax debts than ordinary creditors are in to enforce commercial debts. The Court will respect the legislature's assessment in such matters unless it is devoid of reasonable foundation."

Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-applikazzjoni tal-artikolu 67 mill-Kummissarju konvenut ma tatx lok ghall-holqien ta' piz sproporzjonat kif allegat mill-attur. Fl-assenza tal-artikolu 67 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta kienu japplikaw ir-regoli generali dwar hlasijiet provduti fil-Kodici Civili. Bl-applikazzjoni tal-artikolu 1169 tal-Kodici Civili il-posizzjoni tal-attur kienet tibqa' l-istess. Dan ghaliex, skont dan l-artikolu hlasijiet maghmula fir-rigward ta' sommon li fuqhom ikun qed jiddekorri l-imghax jigu attribwiti ghall-hlas tal-imghax, sakemm ma jkunx hemm il-kunsens tal-kreditur sabiex l-ewwel jithallas il-kapital qabel ma jithallas l-imghax. Ghalhekk, anke li kieku l-Kummissarju konvenut ma applikax l-artikolu 67 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, l-attur kien xorta wahda jsib ruhu fl-istess posizzjoni, bl-applikazzjoni tal-artikolu 1169 tal-Kodici Civili. Dan ifisser ukoll illi s-sub-artikolu (3) u (4) tal-artikolu 67 imsemmi jaghtu lill-Kummissarju tat-Taxxi l-istess drittijiet u protezzjonijiet li jinghataw li kull kreditur, inkluz cittadin privat, li jkun dovut minghand debitur somma li fuqha jiddekorri l-imghax.

L-attur jilmenta wkoll li huwa ma kienx jaf u ma kienx gie notifikat dwar il-fatt illi l-ammonti li kien qieghed ihallas kienu qed jigu attribwiti ghal djun anterjuri u ghal imghaxijiet u penali. Il-Qorti pero tirrileva illi din l-imputazzjoni tal-pagamenti kienet wahda facilment prevedibbli, anke jekk forsi bl-ghajnuna ta' professjonisti fil-kamp tat-taxxa. Dan ghaliex l-imputazzjoni ta' pagamenti maghmula hija kwistjoni

espressament regolata mill-ligi kif diga gie spejgat. Ghalhekk l-agir tal-Kummissarju tat-Taxxa kien wiehed prevedibbli u ma kienx hemm htiega li l-attur jigi nnotifikat dwar il-mod kif kienu qed jigu attribwiti l-pagamenti tieghu, galadarba dan kien jirrizulta espressament mill-ligi.

Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi ma jirrizultax illi l-mizura impunjata kienet wahda irragonevoli ai termini tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea. Minn dan isegwi illi l-ilment tal-attur huwa infondat.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-Avukat tal-Istat u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju, tichad it-talbiet kollha tal-attur.

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri jithallsu mill-attur.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur